**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Robert Azzopardi**

**Pierre Chetcuti**

**Darren Debono**

**Charmaine Debono**

**Wayne Debono**

**Kawża Nru: 916/2012**

**Illum, 30 t'April 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Robert Azzopardi, bin Ronald u Margaret nee' Camilleri, imwieled nhar il-11 ta' Mejju 1985, detentur ta' karta tal-identita bin-numru 258085M u residenti Blk D3, Flat 8, Triq il-Kultelazz, Mosta;**

**u**

**Pierre Chetcuti, bin Joseph u Grace Ciantar, imwieled nhar id-19 ta' Jannar 1977, gewwa l-Pieta', detentur tal-karta tal-identita bin-numru 86877M u joqghod 18, Triq il-Kurat Bezzina, Mosta;**

**u**

**Darren Debono, bin Saviour u Teresa Saliba, imwieled nhar it-30 ta' Mejju 1974 gewwa Wales, detentur ta' karta tal-identita bin-numru 160093M u joqghod 10, Suzuki, Triq il-Kullegg, Mosta;**

**u**

**Charmaine Debono nee Zahra, bint George Zahra u Doris Vella, imwieleda nhar il-11 t'Awwissu 1976 gewwa l-Pieta', detentrici ta' karta tal-identita bin-numru 406976M u toqghod 10, Suzuki, Triq il-Kullegg, Mosta;**

**u**

**Wayne Debono bin Darren u Charmaine Zahra imwieled nhar is-17 ta' Frar 1983 gewwa l-Pieta', detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 91193M u joqghod 10, Suzuki, Triq il-Kullegg, Mosta;**

**Akkuzati** talli f'dawn il-Gzejjer u cioe nhar is-7 ta' Mejju 2011 ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta' fil-ghaxija, gewwa l-Mosta minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Daniel Farrugia f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-imsemmi Daniel Farrugia, jew gabulu disordni f'moħħu, liema offiza ikkagunat debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew gabet difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-

moħħ kif ukoll iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż u dan ai terminu tal-artikolu 218 (1) (a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U lil Darren Debono wahdu talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe fuq il-vettura ta' ghamla Pajero bin-numru tar-Ragistrazzjoni, FEB021 liema hsara ma tiskorrix l-€1,164.49 imma tiskorri l-€116.47 u dan ghad-dannu ta' Daniel Farrugia u jew persuni ohra.

U permezz ta' digriet tal-Qorti tad-29 t'Awissu 2013 il-Qorti laqghet it-talba ta' l-Ispettur Edmund Cuschieri fil-konfront tal-imputat Robert Azzopardi li jizdied mal-akkuza tieghu li ikkometta dan id-delitt fiz-zmien ta' sentenza operattiva moghtija minn din il-Qorti fit-18 t'Ottubru 2010 u fil-konfront ta' Rachel Azzopardi, Darren Debono u Pierre Chetcuti tizdied l-akkuza ta' recediva ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9.[1]

Rat li l-imputati kollha wiegbu mhux hatja tal-akkuzi fil-konfront taghhom.[2]

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputati prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali tal-11 ta' Settembru 2013.[4]

---

[1] Folio 1 tal-process Ara zieda fl-akkuzi a folio 134 tal-process u l-qari mill-gdid tal-akkuzi. Id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli terga' itella' x-xhieda u provi gia mismugha.

[2] Folio 13 sa 17 tal-process.

[3] Folio 142 sa 158 tal-process.

[4] Folio 157 tal-process.

Rat li l-imputati kollha ma oggezzjonawx li din il-Qorti tkompli tisma' l-kaz u dan waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2013.[5]

Rat li l-partijiet ezentaw lil din il-Qorti kif ppreseduta milli tisma' l-provi mill-gdid.[6]

Rat l-atti kollha.
Semghet ix-xhieda.
Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.
Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li ser tistrieh fuq l-atti.
Semghet is-sottomissjoniet finali tad-difiza ghan-nom tal-imputati kollha fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2025.[7]
Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda glieda li inqalghet bejn l-imputat Raymond Azzopardi u Daniel Farrugia fi Triq fil-Mosta nhar is-7 ta' Mejju 2011. Jidher li dawn it-tnejn kienu qed jitlewmu u l-imputati Pierre Chetcuti, Darren Debono u Charmaine Debono b'xi mod intervjenew biex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Jidher li f'dan il-hin Daniel Farrugia hareg hadida, beda ixejjirha u laqat f'rasha lil Charmaine Debono u f'ghajnejh lil Robert Azzopardi tant li dan tilef ghajn wahda. Jidher ukoll li f'din il-glieda Darren Debono bl-istess hadida li ha minghand Daniel Farrugia kisser il-quarter window tal-vettura FEB021 li kienet biha dan tal-ahhar.

[5] Folio 159 tal-process.

[6] Folio 172 tal-process.

[7] Folio 378 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Xehed **Dr. Jonathan Joslyn** nhar id-9 ta' Jannar 2013 fejn qal li hu tabib li jahdem l-emergenza l-Isptar Mater Dei li kien gie mahtur mill-Magistrat Dr. Marse-Anne Farrugia nhar id-9 ta' Mejju 2011 biex jaghamel rapport fuq l-griehi ta' Daniel Farrugia u Robert Azzopardi.

Jghid li Daniel Farrugia ezaminah jumejn wara gewwa CCF u allega li qala' diversi daqqiet ta' ponn u ta' sieq minn xi hames guvintur. Hu qatt ma kien intilef minn sensieh u kien mar il-health centre u wara Mater Dei. Jghid li kellu diversi griehi u kellu ticrita fuq ghajnejh fuq in-naha tax-xellug fis-suf t'ghajnejh.[8] Din kienet kompatibbli ma' blunt trauma u kienet ta' natura gravi. Ma kien hemm l-ebda indikazzjonijiet ta' ksur mill-x-rays. Kellu ukoll xi tbengil. Kellu ukoll abrazjonijiet fuq l-ispalla tal-lemin u tax-xellug u fuq gwinhajh. Il-griehi kienu kompatibbli ma' xi hadd li kien involut fi glieda u li qala' daqqiet.

Dwar Robert Azzopardi jghid li kien tilef il-vista ta' ghajnejh u kellu blunt trauma diretta. L-griehi huma kompatibbli ma' glieda. Kellu hafna slih u tbengil. L-istrument li intuza ma kienx bil-ponta, ma kellux ticrit. Jghid li jekk ikollok xi kanna u tintuza certa sahha c-cans hu li jkun hemm tkissir tal-ghadam. Jekk intuzat kanna id-daqqiet ma kissrux l-ghadam. Id-daqqa ma kinitx bizzejjed biex tinkisirlu l-iskutella jew il-kustilji.[9]

Xehdet **WPS 230 Anne Marie Vella** fejn qalet li kienet marret fuq il-post ghax kien hemm glieda bejn ghaxra (10) minn nies. Meta waslet

[8] Folio 19 tal-process.

[9] Folio 21 tal-process. Rapport ezebit a Folio 22 tal-process.

sabet lil Daniel Farrugia u xi familjari tieghu u li kien inqala' incident ma' certu Robert Azzopardi. Daniel Farrugia hu l-allegat vittma. Tghid li hadet il-verzjoni ta' kulhadd u nizlithom fl-okkorrenza.[10] Qalet li l-imputata Charmaine kient imwegga' ukoll ghax intlaqtet f'rasha b'hadida minn Daniel Farrugia. Tghid li l-hadida kienet inghatat lilha fuq il-post. Tghid li Charmaine Debono kellha xi dmija. Tghid li ma tiftakarx kif dahhlet it-telefonata. Tispjega li l-post fejn sehh l-incident mhux vicin l-ghassa pero' ma damux biex waslu u l-glieda kienet ghada ghaddejja. Tghid li l-vettura ta' Daniel Farrugia kellha l-hsara. Kellha l-hgiega tan-naha tal-lemin imkissra. [11]

Xehed l-allura **Spettur Edmond Cuschieri** nhar id-9 ta' Jannar 2013 fejn qal li huwa gie infurmat bil-glieda u li kienu marru xi pulizija fuq il-post fosthom WPS 230. Jghid li Robert Azzopardi sofra griehi gravi f'wiccu u kien ser jigi operat u fil-fatt wara sar jaf li tilef ghajn minnhom. Kien baghat ghal Daniel Farrugia u hadlu stqarrija.[12]

Farrugia qal is-segwenti:
**'Jien kont ghaddej bil-karrozza tieghi min Triq iz-Zakkak, sibt karrozza quddiemi li kienet Pajero u dan zamm brejk f'daqqa biex nibqa' diehel fih u jien zammejt il-brejk ukoll minghajr ma ilqattu, reggha saq, ergajt soqt jien u reggha ghamilli l-istess kummiedja, u baqaghli wieqaf quddiemi, jien qlajtu u kif qlajtu kiser ghal go fija biex irossni ghal fuq il-bankina, jiena bqajt gol-karozza u huwa nizel joffendini u jixxena......Jiena bdejt nghidlu suq l-hemm halli ma ndahqux nies, imma hu nfaqa' jidghi u jixxena u gie ghalija u taghni l-ewwel daqqa ta' ponn fuq sidri u qalli ghada naqlaghlek lil ohtok**

[10] Folio 70 tal-process. Il-parti essenzjal tal-okkorrenza a Folio 78 tal-process.

[11] Folio 73 tal-process.

[12] Folio 89 tal-process.

**mill-qabar u dan meta jaf li jien kelli ohti li mietet kellha kwazi sitt snin. Hawnhekk spiccajna gejna fl-idejn u bdejna naghtu, u spiccajna ma' l-art fuq xulxin. Vicin fejn iggielidna hemm hanut il-Libru Pub li jien sikwit fih, dawn peress li rawna niggieldu u jafuna it-tnejn li ahna gew biex izommuna, u hu beda jghidli "tlieta gejtu" meta dan ma kien vera xejn ghax it-tfajla ta' Daniel li kienet mieghu bdiet tghidlu mhux vera dawk zammewkom. Waqafna mill-glieda imma huwa kompla jhedded li ghada kien ser jahraqli l-vann tax-xoghol u li ser joqtolni. Jiena bqajt hemm u baqa' sejjer biha li konna morna tlieta ghalih u jiena bdejt nghidlu mela vera fis-sakra qieghed ghax xammejtlu riha ta' xorb f'halqu. Kif ghidtlu hekk huwa li dak il-hin kien hdejn il-vann u jiena xi metru u nofs boghod minnu, dar gol-van tieghu, rajtu igib xi haga minn taht is-seat u beda ixejjer biha, x'hin xejjirha indunajt li kienet hadida li tholl it-tyers bija. Dan malli qabad ixejjir bija laqatni f'ghajnejja u laqat mara li kienet hdejja f'rasha. Jiena mad-daqqa telqitli l-vista mill-ewwel u ippanikjajt u ghidtilhom biex iwassluni l-klinika mill-ewwel u wassluni.'[13]**

Jghid li Darren kisser il-mera tal-vettura ta' Daniel ghax laqatlu l-mara. Daniel biss kellu hadida.

Ix-xhud qal li hu ha wkoll stqarrija ta' Pierre Chetcuti fejn qal li lil Robert hu waslu l-klinika u ralu d-demm f'wiccu. Jghid li waqt il-glieda hu kien hemm. Hu ferraq biss. Jaf li qala' lil Robert minn fuq l-iehor u gibdu 'l hemm. Jghid li Daniel ta daqqa ta' hadida lil Robert u dan rah b'ghajnejh.[14] Jghid li l-hadida gabha minn gol-vettura tieghu, jigifieri ta' Daniel.

[13] Folio 90 tal-process.

[14] Folio 93 tal-process.

Qal li ha wkoll l-istqarrija lil Darren Debono fejn qal li hu mar iferraq il-glieda li kien hemm bejniethom, ossija Daniel u Raymond u li kien Daniel li attakka lil Raymond b'hadida u laqtu f'ghajnejn. Jghid li hu ha l-hadida minnghand Daniel u ibnu Wayne ipprova jehodhielu wkoll. Jghid li Debona spjegalu li l-hadida spiccat f'idejh u 'ghidtlu taf li qsamtilha rasha lill-mara', u jiftakar li gholla l-hadida li kienet f'idu u x'hin gholla l-hadida infethet u laqatlu l-hgiega ta' wara tal-pajero, il-quarter window. Jghid li Debono qallu li l-hadida taha lis-surgenta u li lil Danny rah bid-demm f'ghajnu l-leminija.[15]

Qal li ha wkoll stqarrija lil Wayne Debono fejn ikkonferma d-dinamika tal-incident u qal li meta Daniel hareg bil-hadida hu ipprova jehodhielu u qallu li kien laqat lil ommu. Debono qallu li sema' lil Robert jghajjat li mhux qed jara, imbaghad hadu l-klinik u Pierre mar maghhom. Jghid li hu jahseb li bil-hadida l-ewwel intlaqtet ommu imbaghad laqat lil Robert. Jispjega li Wayne Debono jghid li lil Daniel ma tahx daqqiet u ma jafx min kissirlu l-hgiega tal-vettura u ma jafx jekk Daniel kellux demm ma' wiccu[16].

Ix-xhud spjega wkoll li kien kellem lil Charmaine Debono fejn spjegatlu id-dinamika tal-incident u ikkonfermat li hija intlaqtet minn Danny li hareg il-hadida u beda jxejjer biha. Hija tghid li hija, zewgha, binha u Pierre marru biex iferrqu wara li semghu l-istorbju. Tghid li anki l-gharusa tieghu Tania bdiet issiktu.[17] Tghid li kien zewgha li ha l-hadida u wara ghaddieha lill-pulizija.

---

[15] Folio 96 tal-process.

[16] Folio 99 tal-process.

[17] Folio 100 tal-process.

Ix-xhud ipprezenta certifikat mediku ta' Daniel Farrugia.[18]

Xehed **Stephen Cachia** u qal li l-vettura FEB021 kienet irregistrata fl-20 ta' Mejju 2011 fuq Richard Borg ID 802953M.[19] Jghid li Transport Malta ma tohrogx permess ghall-hgieg tinted.

Xehdet **Tania Borg** nhar il-5 ta' Frar 2013 u tghid li hija kienet fil-vettura mal-gharus taghha u innutaw lil xi hadd iross ma' wara u b'hekk l-gharus taghha nizel mill-vettura, bdew jillitigaw u gew fl-idejn. Hija nizlet u qaltilhom biex jieqfu.[20] Dak il-hin hargu Charmaine u Darren mill-bar u anke Pierre. Darren u Charmaine bdew jghidulhom biex jieqfu, bhalha, u Pierre u Robert qabdu lill-gharus taghha u kaxkru lejn il-bankina u bdew ihabbtulu rasu mal-bankina. Imbaghad waqfu u komplew jghajjruh. Dak il-hin giet karozza ohra minn warajha u kien it-tifel ta' Darren u Charmaine. Tghid li Robert, Charmaine u Darren u Wayne marru fuq l-gharus taghha u hija bdiet tara ras l-gharus taghha biss. U fi split of a second rat hadida tleqq. Tghid li ma tafx f'id min kienet u ma tafx x' hadida kienet. Rat lil Charmaine tinqala' minn mal-grupp u tmiss rasha u kellha d-demma ma' idha. Darren mar jara xi gralha l-mara tieghu u Robert mar fil-karroza tieghu. Darren mar fuq l-gharus taghha, qallu li qasam ras martu u dik il-hadida zghira li kellu f'idejh li qisha infethet u faqa' il-hgiega tal-karroza tal-gharus taghha. Wayne saq lejn l-gharus taghha li kien bil-wieqfa fejn il-karroza u ommu Charmaine qaltlu biex jaqtaghha. Rikbet fil-karroza u saqu lejn il-bar. Tghid li Darren mar lejn il-bar u Wayne mar fil-karrozza ta' Robert.[21]

---

[18] Folio102 tal-process.

[19] Folio 103 tal-process.

[20] Folio110 tal-process.

[21] Folio 11 tal-process.

Tghid li l-karrozza ta' wara bdiet issegwihom minn tarf it-triq u id-dawl kien mixghul. Tghid li kienu xi 11.15 pm. Tghid li kienet sejra d-dar. Tghid li qatt ma kien hemm xi hadd li ostakolahom milli jkomplu fit-triq taghhom.[22]

Xehed **Richard Borg** nhar il-5 ta' Frar 2013 fejn jghid li l-Pajero FEB 021 kienet ghand l-gharus ta' bintu.[23]

Rega' xehed l-allura **Spettur Edmond Cuschieri** fejn ezebixxa foermalment il-hadida u s-sentenzi Pulizija vs Robert Azzopardi datata 18 ta' Ottubru 2010 u Pulizija vs Pierre Chetcuti datata 19 ta' Jannar 2011. Esebixxa ukoll il-fedini penali tal-hames akkuzati[24].

Xehed **Daniel Farrugia** nhar id-9 ta' Jannar 2019 fejn qal li kien ghaddej mill-Mosta u kien wasal kwazi fejn id-dar u giet karrozza warajh. Beda jirrezja u jsuq warajh. Tefa mal-genb u nizel hdejh.[25] Dan kien Robert Azzppardi. Jghid li bdew jilletikaw u kelma iggib l-ohra u gew fl-idejn. Jghid li hu hareg mill-vettura u hu hareg ukoll. Jghid li 4 li kienu fil-hanut gew u qabzu fuqu. Jghid li kulhadd beda jaghtih. Imbaghad hu tela fil-karrozza u Darren faqalu l-hgiega tal-genb. Jghid li hu qabex wara, fetah il-bieba ta' wara u hu kellu hadida u hada ukoll u qabez jigri quddiem. X' hin fetah il-boieba u nizel mill-karrozza rassewh mal-bieba tal-pilastru u haduwilu. Jghid li ghamlulu 4 punti u ghajnejh daqsekk it-tnejn. Jghid li mill-clinic tal-Mosta baghtuh l-isptar. [26]

---

[22] Folio 114 tal-process.

[23] Folio 115 tal-process.

[24] Folio 140 tal-process.

[25] Folio 177 tal-process.

[26] Ara Folio 185 rikors biex ix-xhieda tigi sfilzata u Folio 195 sottomissjonijiet.

Rega' xehed l-allura **Spettur Edmond Cuschieri** nhar it-13 ta' Novembru 2019 li ikkonferma li hu diga' xehed u ikkonferma x'wassal ghal proceduri odjerni.[27] Hu esebixxa estratt mill-process kontra Daniel Farrugia u iddikjara li l-proceduri fil-konfront tieghu kienu ghadhom ghaddejjin. Jghid li ircieva kwerela mill-avukati ta' Farrugia. Jghid li Farrugia inhargulu akkuzi ta' griehi gravi fil-konfront ta' Azzopardi Robert u griehi hfief fil-konfront ta' Charmaine Debono. Ezebixxa certifikat mahrug minn Dr. L. Gatt li iccertifika li Robert Azzopardi kellu griehi gravi. Ezebixxa certifikat iehor li Charmaine Debono kella griehi hfief u dan minghand Dr. Joe Scicluna. Ipprezenta certifikat iehor minn Dr. Maria Debono Agius mill-isptar Mater Dei fil-konfront ta' Robert Azzopardi. Ikkonferma ukoll li Robert Azzopardi kien istitwixxa proceduri civili fil-konfront ta' Daniel Farrugia.

Xehed ghal darb'ohra l-allura **Spettur Edmond Cuschieri** fejn esebixxa kwerela li kien baghtlu Dr. Edward Gatt li dak iz-zmien kien jirrapprezenta lill-parte civile.[28]

Xehdet **Tania Borg** nhar is-17 ta' Settembru 2020 li spjegat li wara l-incident il-pulizija baghtu ghaliha.[29] Tghid li hija kienet xhud ghax kienet riekba ma' Daniel Farrugia u li kienet qed tigi investigata. Tghid li dak iz-zmien kienet it-tfajla ta' Daniel Farrugia. Tghid li hija xehdet fil-proceduri kontra Daniel Farrugia. Tghid li hija ma ghadhiex is-siehba ta' Daniel Farrugia u ma tafx f'hiex waslu dawk il-proceduri. Taqbel li barra l-awla hija kellmitu ghal xi ghaxar (10) minuti. Tghid li ma kinitx qed tkellmu fuq il-kaz. Taf li Daniel gie imfittex ghad-danni u xehdet f'dawk il-proceduri. Tghid li Daniel kellu Pajero u kien qed juzaha meta gara l-

[27] Folio 205 tal-process.

[28] Folio 214 tal-process.

[29] Folio 225 tal-process.

incident. Tghid li l-karrozza ta' Robert Azzopardi ratha warajhom. Izda ma gharfitx lil Robert. Huma kienu fuq quddiem u Azzopardi kien fuq wara. Ma kienx hemm karrozzi quddiemhom. Tghid li Daniel nizel ghax il-karrozza ta' warajhom bdiet issuq ezatt maghhom u tirrejzja. Tghid li ma kienx Daniel li beda jsuq bil-mod. Tghid li ghall-ewwel hija baqghet fil-karrozza u imbaghad Daniel u Robert bdew jiggieldu bil-kliem u wara gew fl-idejn[30], jiggieldu bl-idejn mal-art. Tghid li Daniel nizel l-ewwel mil-vettura. Hu nizel u Robert hareg. Dak il-hin hargu Charmaine, Darren u Pierre mill-bar u kulhadd beda jghidilhom biex jieqfu. Darren, Pierre u Charmaine hargu u bdew iferrqu. Daniel mar lejn il-karrozza tieghu. Tghid li hija ma ratux johrog hadida. Tghid li ma tafx min kien qed izomm il-hadida ghax kulhadd kien quddiemha. Taf li Robert tilef ghajn wahda u dan saret tafu wara. Tghid li lil Robert ma ratlu xejn f' idu. Tghid li Daniel inghata Coca minn Charmaine stess wara l-incident u dahal gol-bar.

Tghid li ma tafx min hadu lil Robert minn fuq il-post imma ma baqax hemm. Taqbel li Charmaine kellha d-demm ma' rasha pero' ma tafx min laqatha. Tghid li lil Daniel kollha kemm huma laqtuh.[31] Tghid li ma kienx hemm kuntatt bejn il-karrozza ta' Daniel u dik ta' Robert. Tghid li hija cemplet lill-pulizija.Tikkonferma li tal-bar ghall-ewwel hargu biex iferrqu. Tghid li t-triq li kienu fiha kienet triqthom. Tispjega li hija ma tafx kif inqatghu l-proceduri civili.

Xehed **Darren Debono** nhar it-3 ta' Frar 2021 u jghid li hu kien il-Libru Bar. Jghid li kien ma' martu Charmaine u Pierre Chetcuti u semghu l-ghajjat minn barra u raw lil Robert u lil Daniel jillatikaw wicc ma' wicc.[32]

---

[30] Folio 235 tal-process.

[31] Folio 245 tal-process.

[32] Folio 257 tal-process.

Daniel qabad u fajjarlu daqqa ta' ponn f'sidru u gew fl-idejn. Huwa u Pierre telqu jigru u Pierre wasal qablu. Pierre qabad lil Robert minn riglejh. Daniel qisu baqaʾ imqabbad mieghu u tkaxkar ftit metri. Jghid li hu rnexxielu jaqlaghhom minn ma' xulxin. Huwa ghin lil Daniel iqum minn mal-art. Wara ftit qabad jiggieled u jghajjat mieghu u maʾ Pierre u qalilha ejjew wiehed wiehed ghax gejtu it-tlieta f'daqqa. Jghid li qabzet Tania li kienet l-gharusa tieghu u qaltlu li konna gejna nferqu. Jghid li Daniel baqa' jghajjar lil Robert u huma bdew iressqu lil Robert 'l hemm. Daniel qabad hadida u beda jhedded u jghid li hu l-King tal-Mosta. Il-hadida gabha mill-karrozza tieghu. Jighd li din sabbatha fuq il-bonnet tal-karozza ta' Robert u qal li kien ser ipattihielu bhal meta kienu zghar. Jghid li Daniel beda jxejjer il-hadida bl-addocc u laqat il-mara tieghu u lil Robert f'ghajnejh. Huwa u t-tifel ippruvaw jehdulu l-hadida u irnexxielhom. Robert beda jghajjat li mhux qed jara, martu kienet bid-demm go rasha . Jghid li hu baqa' fuq il-post u gie missier Daniel jhedded li jahraqilna il-hanut. Jghid li hu spjega x'gara u ma garax lis-surgenta. Jghid li huma marru jaghlqu il-bar biex imorru il-klinik. Jghid li l-karrozza ta' Robert kienet wara. Jikkonferma li l-hadida kienet ghand Daniel, dahhalha gol-vettura tieghu imbaghad rega' harigha. Jghid liil-hadida wara li hu u ibnu haduha minghand Robert twalet, ghax kienet hadida li x'hin tharrikha titwal u laqtet il-hgiega tal-karrozza u inkisret. Kienet hadida li tholl ir-roti.

Kontro-ezaminat jichad li huma ma marrux biex iferrqu imma biex jaghtu. Jichad li biex iferrqu taw bil-ponn. Jghid li hadida kien hemm wahda u mhux tnejn. Tghid li martu intlaqtet ghax kienet qed izzomm lil Robert. Hadd minn dawk li hareg mill-bar ma hebb ghal Daniel. Jichad li kissirlu il-hgiega apposta. Isostni li l-hgiega ma kissirilux apposta. Jghid li lil Daniel jafu zghir u la mieghu u lanqas ma huti qatt ma kellu xi jghid. Jghid li lil Robert jafu bhal Daniel.

Xehed **Robert Azzopardi** nhar il-11 ta' Mejju 2022 jghid li cemplulu hbiebu biex imorru jaraw film il-Libru Bar il-Mosta u hu mar.[33] Jghid li kif kien kwazi wasal sab lil Daniel quddiemu u zammlu brake. Hu zamm brake ukoll pero' l-vetturi ma tmessewx. Rega' saq, hu saq u daniel rega' zamm il-brake. Daniel kien quddiem u hu wara. Daniel nizel u beda joffendih u jheddu. Jghid li anki hu nizel u qallu biex isuqlu. Jghid li tah daqqa ta' ponn fuq sidru. Jghid li Daniel tah l-ewwel daqqa. Jiftakar lil Pierre hareg mill-bar qabdu minn spaltu u refghu. Jghid li qattaghlu cappetta u gizirana. Jghid li qala' daqqa ta' hadida go ghajnejh mill-ewwel. Jghid li l-hadida hariga Daniel. Hariga dahhalha gol-karrozza u imbaghad rega' hariga. Taht daqqa go ghajnejh biha. Jghid li anki lil Charmaine laqat bil-hadida. Jghid li l-ghajn milquta kienet dik tan-naha tal-lemin. Jghid li huwa gie operat Mater Dei. Jghid li issa nehhewhielu kompletament. Jghid li kienu Pierre u Wayne li wassluh il-poliklinika u l-isptar. Jghid li barra t-trattament Malta kien mar Londra - Moorfields hospital. Jghid li hu mar Londra u hallas minn butu. Jispjega kif kienu jafu lil xulxin zghar u d-divergenzi li kellhom qabel dan l-incident.[34] Jghid li fetah kawza civili kontra Daniel u rebahha.[35] Jaf li kontra Daniel ittiehdu proceduri kriminali u wehel. Jghid li hemm Appell. Jghid li fil-glieda bdew jitgerbu.

Kontro-ezaminat jichad li ipprovoka lil Daniel. Jghid li Daniel rassu u ghalaqlu it-triq. Jghid li hu ma setax jibqa' sejjer. Jaqbel li l-vetturi ma habtux fit-triq. Jghid li hu kien nofsu barra u nofsu gewwa. Jghid li huwa ma kellux intenzjoni li jiggieled. Jghid li hu qallu ibla' ilsienek, irkeb u itlaq. Jghid li huwa u Daniel tgerbu mal-art b'hekk kellu l-griehi. Jichad li tah bil-ponn. Jichad li meta kien fuq Daniel tah, imma beda jzommu.

---

[33] Folio 280 tal-process.

[34] Folio 293 tal-process.

[35] Folio 297 tal-process.

Hadd ma tah lil Daniel u lanqas habbtulu rasu. Jghid li l-hgiega kissirhielu Darren Debono. Xejjer il-hadida meta hadhielu u laqat il-hgiega tal-vettura tieghu. Daniel qasam ras il-mara tieghu. Jghid li l-hadida faqqaghha f'ghajnejh. Jaqbel li ma Daniel kien hemm it-tfajla tieghu. Jghid li din kienet qed tghajjar ukoll. Jichad li kellu passat ma' Tania Borg. Jghid li lil Daniel kien ilu ma jkellmu xi tlett snin u nofs.

Ri-ezaminat jghid li Daniel gieli ghamillu rapporti. Jghid li l-vettura dawwarha minn fuq ismu. Jghid li ghadu juzaha. Jghid li kif intlaqtet bil-mossa ta' Darren jaf ghax hunkien ghadu hemm hekk. Tania ma qalet xejn fil-konfront ta' shabu. Semaghha tghid li dawk izommuh u jinghuna qeghdin. Jikkonferma li Daniel mar ghall-hadida u hadd izjed.

Xehdet **Charmaine Debono** nhar il-15 ta' Novembru 2023.[36] Tghid li meta kienu gol-Libru Bar gewwa l-Mosta semghu xi ghajjat u hargu barra. Kienu hi, Darren Debono u Pierre Chetcuti. Tghid li kienu zewg karrozzi u n-nies kienu hdejhom. Kienu qed jillatikaw bejniethom u spiccaw f' xulxin. Tghid li Daniel wara li ppruvaw iferrqu beda jheddidhom. Kien aggressiv u kellu riha ta' xorb. Mar igib hadida mill-karrozza. Kienet qisa forma ta' L. Daniel Farrugia deher fis-sakra. Lanqas it-tfajla tieghu ma setghet tikkontrollah. Tghid li bil-hadida lilha qasmilha rasha u ta' daqqa lil Robert biha. Robert beda jghid li ma bediex jara. Wayne ha lil Robert il-klinik u huma marru jaghlqu l-hanut. Tghid li daniel dahal fil-hanut u talabha x'jixrob u taghtu Pepsi. Jghid li heddidhom ukoll fil-hanut li ha jaharqu. Tania bdiet tammetti li kien xurban. Tania bdiet tghid li ahna morna biex inferqu. Tghid li l-Magistrat Micallef Trigona kien sejhilha biex jara l-ferita hu stess.

[36] Folio 337 tal-process.

Xehed **Wayne Debono** nhar il-15 ta' Novembru 2023 u jghid li dak iz-zmien kellu tmintax-il sena (18).[37] Jghid li l-vettura ta' Daniel bdiet issakkar lil ta' Robert. Jghid li waqaf ghax haseb li kien hemm xi habta u nizel. Sema' lil Daniel joffendi lil Robert u jheddu. Bdew jghidulu biex jieqaf. Anki t-tfajla tieghu Tania bdiet tghidlu biex jieqaf. Dak il-hin mar hdejhom u anki hu beda jghidlu biex jieqaf. Mar ghal karrozza u qabad hadida u beda ixejjirha imbaghad rega' refaghha fil-karrozza. Jghid li wara aktar tghajjir u theddid rega' qabad il-hadida u fajjarha lejn ommu u Robert. Laqat lil ommu f'rasha u lil Robert f'ghajnejh. Ommu bdiet tghajjat li weggghet u Robert li mhux qed jara u marru l-klinik. Hu mar ma' Robert u Pierre. Jghid li ra balla demm go ghajnejh. Daniel kien aggressiv, anke Tania pruvat iddahhlu fil-karrozza. Daniel ried jiggieled ma' kulhadd.

Xehed **Pierre Chetcuti** nhar is-17 ta' Lulju 2024. Jghid li hu kien gol-bar ma' Darren Debono u Charmaine Debono u sema' l-istorbju u hargu. Robert beda jghid lil Daniel biex inehhi l-Pajero biex ikun jista' jghaddi.[38] Daniel gab hadida forma ta' L u qabad ixejjirha. Laqat lil Robert go ghajnejh u lil Charmaine go rasha. Meta hareg minn gol-bar rahom go xulxin u hu ferraqhom. Jghid li l-hadida kienet minn dawk li tholl l-iskorfini tar-roti. Jghid li kien hemm it-tfajla tieghu mieghu. L-ghada sar jaf li Robert tilef ghajnejh.

**Ikkunsidrat:**

L-Artikoli tal-ligi li jirrigwarda din il-vertenza huma principarjament is-l-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe dawk relatati ma' offiza ta' natura gravi u fil-kaz ta' Darren Debono l-hsara volontarja.

[37] Folio 342 tal-process.

[38] Folio 353 tal-process.

Fuq l-offiza ta’ natura gravi l-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi fl-artikoli segwenti:

*Sub-titolu II*
*FUQ L-OFFIŻI VOLONTARJI FUQ IL-PERSUNA*

*214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaddieħor f’periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħata’ persuna oħra, jew iġibilha disordni f’moħħha, ikun ħati ta’offiża fuq il-persuna.*

*215. L-offiża fuq il-persuna tista’ tkun gravi jew ħafifa.*

……………………………………………………………………..

*216.(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta’ priġunerija minn sena sa seba’ snin –*
*(a) jekk tista’ ġġib periklu –*
*(i) tal-ħajja; jew*
*(ii) ta’ debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem; jew*
*(iii) ta’ difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
*(iv) ta’ marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonqjew f’waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) jekk tkun magħmula b’ferita li tidħol f’waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħdamill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*
*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għaltletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien,iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*
*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabeliż-żmien.*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matu lil-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzimsemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġibdak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża*

*…………………………………………………………………………………………*

*218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

**Ikkunsidrat:**

**Gurisprudenza Applikabbli**

Il-Qorti tqis illi ghandha tfakkar illi fil-kamp kriminali mhux kull dubju ghandu jwassal ghan-nuqqas ta' sejbien ta' htija tal-imputat izda kwalunkwe dubju irid ikun dubju ragjonevoli.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Charlton Chetcuti** Pper Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna, deċiża nhar l-10 ta' Marzu, 2006[39] fuq dan il-punt iddikjarat hekk:

" 'Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:[40] "Fi kliem ieħor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz ieħor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tiġi emmnuta mingħajr ma jiġi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkużat, u jekk tali versjoni setghet tiġi emmnuta w evidentement ġiet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.'

Jigi osservat ukoll li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar.[41]

U kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne tad-9 ta' Lulju 2003**, "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u

[39] Numru 127/2006 Paġna 8 of 24

[40] A folio 85-87 tas-sentenza

[41] Ara artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali

tasal għall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".[42]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti se tghaddi issa sabiex tqis gurisprudenza dwar in-natura tal-griehi fid-dawl tal-akkuzi migjuba kontra l-imputati.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deċiż fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:[43]

"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."

L-istess Qorti diversament preseduta, eżaminat fid-dettal it-tipi ta' offiżi fuq il-persuna fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Salvinu Vella**:[44]

[42] Ara wkoll Appell Kriminali The Police vs Graham Charles Ducker, 19 ta' Mejju 1957

[43] Per Onorevoli Imħallef David Scicluna

[44] Per Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.; Appell Nru. 496/2015. Seduta tat-30 ta' Settembru, 2019 Paġna 13 of 24

"L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. It test Ingliz juza l-kelma "hands" u dan hu ta' ghajnuna ghad-dibattitu mqanqal mill-imputat meta jgħid li la darba l-ligi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-driegh, ossia li l-id ma tinkludix id-driegh.

17. Tajjeb li ssir referenza għal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-Notes On Criminal Law – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jgħid: "Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body..."

18. Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi ex artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum għal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).

Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ticcita b'approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk: B'mankament … fil-wicc, il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta għal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn

in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248).

Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, iżda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.

19. Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk għaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali għal dawk l-estremitajiet tal-ġisem li solitament huma dejjem mikxufin u għaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.

20. Fis-sistema legali taghna, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura għal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok għal-hekk imsejha "offiza

gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret referenza għal diversi sentenzi oħra fosthom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 fejn kien ritenut hekk: Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijeit oħra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanja, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"

21. Fi kliem ieħor, offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-ġisem, pero' fejn si tratta tal-wicc, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka għal ftit hin kif fuq spjegat. F'kaz ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti oħra tal-ġisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).

22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiza mhix fuq il-wicc, l-ghonq jew l-idejn tal-kwerelant, u la darba ma gabet ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti oħra tal-ġisem, l-offiza hija wahda hafifa. Ghalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab ħtija ta' offiza gravi qed tinsab ħtija ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiza hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2);"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'tagħmel fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred**

**Caruana**:[45] "…..Dr. Scerri kien ezamina lill-kwerelant dakinhar tal-incident u fid-deposizzjoni tieghu sentejn wara, dik tat-12 t'April 2012, Dr. Scerri jghid hekk: "Naf li din ic-cikattrici ghadha prezenti pero' mhux daqshekk konspikwa minn talking distance" (fol 36);

6. L-artikolu 216 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi l-offiza fuq il-persuna hija gravi, jekk, inter alia skond is-subartikolu (b) iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, Il-Pulizija vs Desmond Falzon, li ccitat b'approvazzjoni s-sentenza taghha Il-Pulizija vs Paul Spagnol tat-12 ta' Settembru 1996...........,

7. Din is-sentenza llustrat ukoll id-differenza bejn mankament u sfregju fit-termini tal-artikolu 216(1)(b) billi rritjeniet illi fejn daqqa fil-wicc iggib nefha wiehed ikun jista' jitkellem dwar mankament anke jekk tali nefha tghaddi wara ftit jiem. L-istess principju ser ikun diskuss filkonsiderazzjonijiet li jsegwu f'din is-sentenza;

8. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita', ossia dak l-element, jirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jekk l-offiza tista ggib periklu tal-hajja, ta' debulizza permanenti fis-sahha, ta' difett permanenti jew ta' marda permanenti tal-mohh, ukoll fl-artikolu 218 meta jipprovdi li d-debulizza fis-sahha, l-marda fil-mohh, l-isfregju gravi jew id-difett "jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk". Sabiex tkun skontrata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b), dak addebitat lill-appellant, huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-

[45] Per Onorevoli Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D. Seduta tas-27 t'Ottubru, 2016 Appell Nru: 220/2014 Paġna 15 of 24

kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward; ......... Dik is-sentenza[46] ccitat ukoll dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli** tat-12 ta' Settembru 1996 fejn intqal hekk: L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet -, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b) … L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga' nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju.

10. Dwar din l-offiza, l-ewwel Qorti "kkonstatat icto oculi dak li xehed it-tabib Mario Scerri li l-marka fuq wicc l-kwerelant kienet vizibbli biss minn talking distance u ma tistax pero' tinjora l-fatt li skond l-imsemmi tabib tista' tibqa' permanenti". Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tara de visu l-offiza li minnha jilmenta l-kwerelant u fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2016 kienet konstatata cikkatrici zghira ezatt fin-nofs tal-parti frontali ta' wicc il-kwerelant minn talking distance. Din il-Qorti izda tistqarr li kellha tistaqsi lill-kwerelant jindika fejn kienet ic-cikkatrici u dan peress illi ma kinitx daqshekk vizibbli. Dan izda wahdu ma jtellef xejn mill-element materjali tar-reat ravvizat fl-artikolu 216(1)(b) anzi jassoda dak li l-ewwel Qorti kkonstatat bhala offiza fuq il-fronti tal-kwerelant. Il-fatt li llum l-

[46] Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich tat-2 ta' Settembru 1999 Paġna 16 of 24

ferita ma tantx baqghet daqshekk vizibbli ma jfissirx li l-kwerelant ma sofriex sfregju fid-data tal-incident. Ifisser, ghall-kuntrarju, illi dakinhar l-kwerelant kien verament sofra sfregju kif konfermat mit-tabib li kkurah u li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha meta sabet htija fl-appellant.”

Sentenza oħra minn dik il-Qorti ddikjarat:

“Mill-punto di vista ta’ dritt huwa minnu dak li ssottomettiet il-prosekuzzjoni, kemm quddiem l-ewwel qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti, li l-mankament jew sfregju jista’ jkun anke wiehed temporanju u mhux mankament jew sfregju gravi – jekk l-isfregju jkun gravi u permanenti allura jkollok l-offiza gravissima taht l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Pero` ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 216(1)(b) in dizamina irid ikollok dejjem “mankament” jew “sfregju” f’wahda mill-partijiet tal-gisem indikati f’din id-disposizzjoni – wicc, ghonq jew idejn. Il-kliem “mankament” (“deformity” fit-test ingliz) u “sfregju” (“disfigurement”) ma humiex sinonimi............ Ghalkemm it-tabib Dott. Dennis Mallia a fol. 28 tal-atti jghid li l-offiza hija gravi “minhabba l-post fejn kienet qieghda li kienet fil-wicc”, il-posizzjoni fil-wicc wahedha mhix bizzejjed – kif inghad, wiehed irid jara l-entita` tal-hsara biex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li hemm “deformity” jew “disfigurement”. Hekk, per ezempju, kieku d-daqqa jew daqqiet fil-wicc igibu nefha jew nefhiet, wiehed ikun jista’ jitkellem dwar mankament, anke jekk tali nefha tghaddi wara ftit jiem. Ovvjament, aktar ma jkun hemm offizi fil-wicc aktar jista’ dak li jkun jitkellem dwar mankament jew addirittura sfregju. ........ Huwa minnu li, kif iddepona l-okulista Dott. Jeffrey Zarb Adami, wara daqqa fuq l-ghajn hemm dejjem possibilita` fil-hames snin ta’ wara li tizviluppa katarretta; izda l-ligi tipprovdi, fis-subartikolu (2) ta’ l-imsemmi Artikolu 216, li “jitqies li l-offiza setghet iggib dak il-perikolu fil-kaz biss illi dan il-perikolu kien probabbli minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali ta’ l-offiza”. Mera possibilita`, ghalhekk, anzi – fi kliem Dott. Zarb Adami

– "cans zghir" (fol. 204) jew "riskju zghir" (fol. 206) ma tilhaqx il-livell tal-probabbli rikjest mill-imsemmi subartikolu.[47]

L-istess Qorti diversament preseduta kellha dawn il-konsiderazzjonijiet x'tagħmel: Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti osservat li l-offizi li jidhru fic-certifikat mediku (Dok. AB a fol. 13) ghandhom jitqiesu bhala offizi ta' natura gravi a tenur ta' l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, u cioe` offizi li gabu sfregju fil-wicc. Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tara hi stess lil Clyde Muscat fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2007 u setghet tosserva li ghadhom jidhru marki zghar li jidhru mill-vicin. L-istess Clyde Muscat fil-fatt osserva: "Ma tantx jidhru". Ciononostante, dawn il-marki xorta jikkostitwixxu sfregju a tenur tal-ligi. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Camilleri** deciz fil-15 ta' Gunju 2001, intqal: "Skond kif jiddisponi l-Artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, galadarba jirrizulta li hemm ferita fil-wicc, tali ferita ghandha titqies bhala gravi u dan irrispettivament minn jekk dik hiex ta' natura permanenti jew le. Ic-cirkostanza tal-permanenza o meno ta' dik il-ferita fil-wicc tittiehed in kunsiderazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk dik l-offiza kinitx gravi ai termini ta' l-Artikolu 216 biss, jew kinitx gravissima ai termini ta' l-Artikolu 218."[48]

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti processwali u mill-assjem tal-provi din il-Qorti ssib li dak li sehh fis-7 ta' Mejju 2011 ghall-habta tal-10.45 pm fil-Mosta gara bil-mod segwenti:

---

[47] Per S.T.O. Prim Imħallef Vincent De Gaetano. Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008 Appell Kriminali Numru. 370/2007 Il-Pulizija v. Desmond Falzon

[48] Per Onor. Imħallef David Scicluna. Seduta ta' l-4 ta' Ġunju, 2008 Appell Kriminali Numru. 412/2006 Il-Pulizija v. David Grech.

1. Daniel Farrugia u li dak iz-zmien kienet it-tfajla tieghu kienu ghaddejjin bil-vettura taghhom;
2. Robert Azzopardi kien ghaddej bil-vettura tieghu;
3. Jidher li Daniel Farrugia u Robert Azzopardi kienu jafu lil xulxin u ma jidhirx li kellhom relazzjoni tajba bejniethom u kienu ilhom snin ma jitkellmu;
4. Jidher li l-vettura ta’ Daniel Farrugia kienet qed tinstaq minnu u dan quddiem dik ta’ Robert Azzopardi li kien qed isuq il-vettura tieghu u kien wahdu;
5. Jidher li Daniel Farrugia beda jsuq il-vettura u jibbrejkja filwaqt li hu possibbli li Robert Azzopardi beda jsuq il-vettura tieghu ukoll b’mod li gibed l-attenzjoni ta’ Daniel;
6. Daniel Farrugia waqaf u anki Robert Azzopardi waqaf bil-vettura;
7. Daniel Farrugia hareg mill-vettura u l-istess ghamel Robert Azzopardi;
8. Huma bdew jillitikaw verbalment u wara bl-idejn tant li spiccaw it-tnejn jitqabdu f’xulxin mal-art;
9. Fil-hanut vicin kien hemm Pierre Chetcuti kif ukoll Darren Debono u Charmaine Debono li meta semghu l-ghajjat hargu barra mill-hanut u marru jferrquhom;
10. Jidher li l-ewwel li wasal kien Pierre Chetcuti li gibed lil Robert Azzopardi li dak il-hin kien fuq Daniel Farrugia;
11. Jidher li Daniel Farrugia beda jhedded lil kulhadd ghalkemm it-tfajla tieghu ukoll ippruvat tikkalmah;
12. Jidher li f’dan il-hin Daniel Farrugia hareg hadida mill-vettura u beda jhedded biha;
13. Din il-hadida dahhalha u wara li kompla jhedded u probabilment haseb li Pierre, Charmaine u Darren kienu komplici ma’ Robert Azzopardi rega’ harigha u beda ixejjirha fid-direzzjoni ta’ Robert Azzopardi u Charmaine Debono;
14. F’dan il-mument wasal Wayne Debono, bin Darren u Charmaine li ukoll intervjena u pprova jikkalma l-affarijiet;

15. Fi ftit sekondi Daniel Farrugia laqat lil Charmaine f'rasha u lil Robert f'ghajnu;
16. F'dan il-mument Wayne Debono u Darren Debono hadu l-hadida minn idejn Daniel Farrugia;
17. Jidher li Darren Debono xejjer din il-hadida u laqat il-hgiega tal-vettura ta' Daniel. Il-Qorti ma teskludix li dan sar mhux ghax laqatha imma b'mod volontarju pero' hemm dubbju fuq dan u allura dak id-dubbju ghandu jimmilita favur l-akkuzat Darren Debono;
18. Pierre Chetcuti u Wayne Debono hadu lil Robert Azzopardi l-klinika u wara Mater Dei.
19. Darren Debono ha lil martu Charmaine l-klinika.
20. Robert Azzopardi tilef il-vista minn ghajn wahda kawza tal-incident.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa ben ovvju li kemm Robert Azzopardi u Daniel Farrugia garrbu girehi ta' natura serja fil-glieda. Gie ippruvat ukoll li anke Charmaine Debono garrbet griehi ta' natura hafifa. Mill-provi in atti jirrizulta li l-griehi fuq Robert Azzopardi u Charmaine Debono gew ikkawzati minn Daniel Farrugia.

Il-Qorti temmen lil Robert Azzopardi meta jghid li l-ewwel daqqa qalaghha minn ghandu u hu irrejagixxa. Il-Qorti temmen ukoll li r-reazzjoni ta' Robert Azzopardi kienet proporzjonata mal-aggressjoni u li l-griehi fuq Daniel Farrugia kienu ikkawzati principarjament minn Robert Azzopardi huwa u jiddefendi ruhu wara li kien qala' daqqa ta' ponn fuq sidru mill-parte civili.

Il-Qorti ma tistax teskludi kompletament li meta l-affarijiet komplew jaggravaw Darren Debono, Pierre Chetcuti u Wayne Debono ma tawx xi daqqa jew tnejn lil Daniel Farrugia pero' dan gie ippruvat biss fuq bazi

ta' probabilita' biss, liema grad ta' prova ma hux bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex tinstab htija fl-imputat. Din il-Qorti ittenni li qed temmen li l-ghan ewlieni u ahhari ta' Darren, Wayne u Charmaine Debono fl-intervent taghhom kienu li jikkalmaw is-sitwazzjoni. L-istess ghandu jinghad ghal Pierre Chetcuti.

Il-Qorti ghandha ukoll dubbju serju kemm Darren Debono laqat l-hgiega ta' Daniel Farrugia b'mod involontarju pero' anki hawn dak id-dubbju, kif diga' intqal jimmilita' favuri l-imputat fil-kamp kriminali.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li l-akkuzi fil-konfront tal-imputati kollha ma gewx sodisfacatament ippruvati skond il-ligi u sal-grad li trid il-ligi fil-kamp kriminali u cioe minghajr dubju ragonevoli.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, <u>fil-konfront tal-imputat Robert Azzopardi</u>, wara li rat l-Artikoli 64(2), 214, 215, 218(1)(a) u (b), 218(2), 28A sa 28H, 49, 50, 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta isib lill-imputat **ROBERT AZZOPARDI MHUX HATI** tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, <u>fil-konfront tal-imputat Pierre Chetcuti</u>, wara li rat l-Artikoli 64(2), 214, 215, 218(1)(a) u (b), 218(2), 49, 50, 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta isib lill-imputat **PIERRE CHETCUTI MHUX HATI** tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, <u>fil-konfront tal-imputat Darren Debono</u>, wara li rat l-Artikoli 64(2), 214, 215, 218(1)(a) u (b), 218(2), 325(1)(b), 49, 50, 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta isib lill-imputat **DARREN DEBONO MHUX HATI** tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-konfront ta' tal-imputata Charmaine Debono, wara li rat l-artikoli 64(2), 214, 215, 218(1)(a) u (b), 218(2), 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata **CHARMAINE DEBONO MHUX HATJA** tal-akkuzi migjuba kontra taghha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-konfront ta' Wayne Debono, wara li rat l-artikoli 64(2), 214, 215, 218(1)(a) u (b), 218(2), 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat **WAYNE DEBONO MHUX HATI** tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti spjegat din is-sentenza lill-imputati fi kliem car.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema digitali tal-Agenzija tal-Qrati minnufih.

Moghtija, llum 30 t'April 2025, fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Heidi Zammit
Deputat Registratur